MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2008

Numru 241/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Publio Buttigieg**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Publio Buttigieg, bin Emmanuel u Geswalda nee Bonello, detentur tal-Karta ta' l-Identita` nru 31757(G), talli nhar il-11 ta' Marzu 2007 ghall-habta tas-2.15 a.m. fl-Imgarr, limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex bhala l-persuna li f'ismu kellu l-licenzja ta' l-istabbiliment tal-*catering* maghruf bhala Kafé Vilhena (**1**) iggestixxa l-istabbiliment tieghu wara s-1.00 a.m. minghajr il-permess ta' l-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta bi ksur tar-Regolament 36, it-Tielet Skeda, Taqsima II 03 tal-Avviz Legali 1/2006; u aktar (**2**) talli naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att Dwar Servizzi ta' l-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta jew kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha hija

soggetta l-licenzja billi daqq muzika fil-hanut tieghu wara l-hdax ta’ bil-lejl, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 43(1)(b) tal-Kap. 409 u r-Regolament 38(2)(a) tal-Avviz Legali 1/2006;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tad-29 ta’ Mejju 2007 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni, iddikjarat lill-imsemmi Publio Buttigieg hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu fuq l-ewwel akkuza ammenda ta’ hamsin lira (Lm50) u fuq it-tieni akkuza ammenda ohra ta’ hamsin lira (Lm50);

Rat ir-rkors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu pprezentat fit-22 ta’ Gunju 2007, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali hu fis-sens illi l-piena erogata mill-ewwel qorti ma kienitx, minhabba fix-xorta jew fil-kwantita` taghha, skond il-ligi – Artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kap. 9.

Jinghad bla tlaqliq li l-Avukat Generali ghandu ragun jilmenta mill-piena erogata mill-ewwel qorti. L-ewwel imputazzjoni – iz-zamma ta’ stabbiliment miftuh wara l-hin – kienet punibbli skond l-Artikolu 29(a) tal-Kap. 441 b’ammenda ta’ mhux anqas minn hamsin lira (illum Euro116.47) izda mhux aktar minn hames mitt lira (illum Euro 1,164.69). It-tieni imputazzjoni – daqq ta’ muzika wara certu hin – pero` tammonta ghal reat iehor, u cioe` ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 43(1)(b) tal-Kap. 409, fejn il-piena hija multa ta’ mhux anqas minn hames mitt lira (illum Euro 1,164.69) u mhux aktar minn ghaxart elef lira (Euro 23,293.73). Bejn dawn iz-zewg reati ma tezisti ebda relazzjoni ta’ mezz ghall-fini, u ghalhekk f’dana l-kaz kien applikabbli il-paragrafu (f) ta’ l-Artkolu 17 tal-Kodici Krminali.

Quddiem l-ewwel qorti (ara l-verbal tad-29 ta’ Mejju 2007, fol. 2 ta’ l-atti) u, sa certu punt anke quddiem din il-Qorti,

gie argumentat li l-appellat, allura imputat, kien applika ghal estensjoni tal-hinijiet tal-licenzja tieghu u din it-talba giet milqugha, izda dan sehh biss fit-23 ta’ April 2007 u ghalhekk ferm wara z-zmien inkriminat. Din il-Qorti, pero`, ma tistax tara li dan il-fatt jista’ b’xi mod jingieb bhala attenwanti. Il-licenzji qeghdin hemm biex jigu osservati, u l-fatt li jkun hemm applikazzjoni pendenti ghal varjazzjoni ta’ xi kundizzjoni ta’ dik il-licenzja ma jintitolax lid-detentur li jassumi li t-talba ser tintlaqa’ u, nel frattemp, jiehu l-ligi f’idejh u jibda jopera daqslikieku dik it-talba intlaqghet. Kieku kulhadd kellu jaghmel hekk, jirrenja l-kaos totali.

Ghall-motvi premessi, tilqa’ l-appell u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonferma l-istess sentenza in kwantu iddikjarat lill-appellat Publio Buttigieg hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu (u dana fuq ammissjoni tieghu stess), thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn ikkundannatu ammenda ta’ hamsin lira fuq l-ewwel akkuza u ammenda ta’ hamsin lira fuq it-tieni akkuza, u minflok, b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 17(f) tal-Kodici Kriminali, tikkundannah ammenda ta’ Euro 116.47 dwar l-ewwel imputazzjoni (konvertibbli f’ghaxart ijiem detenzjoni fin-nuqqas ta’ pagament skond il-ligi) u multa ta’ Euro 1,164.69 dwar it-tieni imputazzjoni (konvertibbli f’mitt gurnata prigunarija fin-nuqqas ta’ pagament skond il-ligi).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------